## Min jista' jipparteċipa fil-proġetti LIFE?

Kwalunkwe korp pubbliku jew privat stabbilit fl-UE jista' jibbenefika minn LIFE bħala benefiċjarju koordinatur jew assoċjat. Huwa possibbli li tkun benefiċjarju koordinatur jekk int stabbilit barra mill-UE, jekk il-pajjiż tiegħek stabbilixxa ftehim speċifiku mal-UE (ara l-Artikolu 5 tar-Regolament LIFE). Entitajiet legali barra mill-UE jistgħu jkunu benefiċjarji assoċjati biss jekk il-benefiċjarju koordinatur ikun ibbażat fl-UE, u l-attivitajiet li huma responsabbli għalihom, u li jseħħu barra mill-UE jkunu meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali/klimatiċi tal-UE u biex tiġi żgurata l-effikaċità tal-interventi mwettqa fl-UE (ara l-Artikolu 6).

## Fejn se jmorru l-flus ta' LIFE?

Mit-€3.46 biljun allokati għal LIFE, €2.59 biljun huma għas-sottoprogramm tal-Ambjent, u €0.86 biljun huma għas-sottoprogramm ta' Azzjoni dwar il-Klima. Mill-anqas €2.8 biljun (81% mill-baġit totali) huma mmirati għal proġetti LIFE ffinanzjati permezz ta' għotjiet għal azzjonijiet jew strumenti finanzjarji innovattivi. Madwar €0.7 biljun se jmorru għal proġetti integrati. Mill-inqas 55% tar-riżorsi fil-baġit allokati għal proġetti appoġġjati permezz ta' għotjiet għal azzjoni taħt is-sottoprogramm għall-Ambjent se jintużaw għal proġetti li jappoġġjaw il-konservazzjoni tan-natura u l-bijodiversitá. Massimu ta' €0.62 biljun se jintużaw direttament mid-DĠ Ambjent u mid-DĠ Azzjoni dwar il-Klima għall-iżvilupp politiku u għotjiet għall-operat.

L-ammonti disponibbli għall-proġetti għall-erba snin huma marbuta fil-Programm ta' Ħidma Multiannwali ta' LIFE 2014-2017. Allokazzjonijiet annwali indikattivi għal kull Stat Membru se jkomplu jkunu applikati għat-tipi kollha ta' proġetti (ħlief proġetti integrati) magħżula taħt is-sottoprogramm Ambjent sal-2017, u wara dan il-perjodu, l-għażla se tkun ibbażata biss fuq il-mertu.

## Min imexxi l-Programm LIFE?

Il-Kummissjoni Ewropea (DĠ Ambjent u DĠ Azzjoni dwar il-Klima) tmexxi l-programm LIFE. Il-Kummissjoni ddelegat l-implimentazzjoni ta' ħafna komponenti tal-programm LIFE lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME). Timijiet ta' għażla esterna, moniteraġġ u komunikazzjoni jipprovdu assistenza lill-Kummissjoni u l-EASME. Il-Bank Ewropew tal-Investiment se jimmaniġġja ż-żewġ strumenti finanzjarji ġodda (NCFF u PF4EE).

KH-02-14-418-MT-N

## Kif nista' nkun naf iktar dwar LIFE?

Aqra dan il-fuljett.

Żur il-sit elekttroniku ta' LIFE:
http://ec.europa.eu/life.

Skopri kull proġett LIFE:
http://ec.europa.eu/environment/life/project/Projects/index.cfm

Skopri LIFE skont il-pajjiż:
http://ec.europa.eu/environment/life/countries/index.htm

Aqra r-Regolament dwar LIFE:
http://ec.europa.eu/environment/life/about/index.htm#life2014

Aqra l-Programm ta' Ħidma Multiannwali ta' LIFE:
http://ec.europa.eu/environment/life/about/index.htm#mawp

Ikkuntattja lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tiegħek:
http://ec.europa.eu/environment/life/contact/nationalcontact/index.htm

Ikkuntattja lil EASME:
easme-life@ec.europa.eu

Ikkuntattja lill-Kummissjoni Ewropea:
env-life@ec.europa.eu; clima-life@ec.europa.eu

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

ISBN 978-92-79-40791-8
doi:10.2779/34133

© L-Unjoni Ewropea, 2014
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

NATURA 2000

Il-Kummissjoni Ewropea



© LIFE06 NAT/B/000085/Marc Slootmaekers

# Il-Programm LIFE

Il-Programm LIFE huwa l-istrument ta' finanzjament tal-UE għal azzjoni dwar l-ambjent u l-klima, li se jipprovdi €3.46 biljun ta' appoġġ bejn l-2014 u l-2020.

ec.europa.eu/life

L-Ambjent

## Programm LIFE ġdid

Wara iktar minn 22 sena, €3.4 biljun u 4 170 proġett LIFE, l-istrument ta' ffinanzjar tal-UE għall-ambjent ikompli jikkofinanzja proġetti ta' konservazzjoni tan-natura, ambjent u azzjoni dwar il-klima.

## Programm ikbar

Il-baġit ta' LIFE għall-perjodu 2014-2020 huwa ogħla minn qatt qabel: €3.46 biljun.

## Programm li qed jevolvi

Minbarra l-proġetti LIFE tradizzjonali, issa hemm erba' tipi ta' proġetti ġodda (integrati, assistenza teknika, tisħieħ tal-kapaċità, preparatorji) u żewġ strumenti finanzjarji (Faċilita' Kapitali Naturali tà finanzjament, Finanzjament Privat għall-Effiċjenza fl-Enerġija).

## Involvi ruħek – ibgħat proposta LIFE!

Kull sena toħroġ sejħa għall-proposti ta' proġetti:
http://ec.europa.eu/environment/life/funding/life.htm



© LIFE08 ENV/E/000101

## Iż-żewġ sottoprogrammi ta' LIFE: L-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima

Is-sottoprogramm dwar l-Ambjent għandu tliet oqsma ta' prijorità:

Il-qasam ta' prijorità **L-Ambjent u l-Effiċjenza tar-Riżorsi** se jiżviluppa, jeżamina u juri approċċi, l-aħjar prattika, soluzzjonijiet u approċċi integrati għall-isfidi ambjentali, kif ukoll se jtejjeb il-bażi ta' għarfien relatat.

Il-qasam ta' prijorità **In-Natura u l-Bijodiversità** se jiżviluppa, jeżamina u juri l-aħjar prattika, soluzzjonijiet u approċċi integrati biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, kif ukoll biex itejjeb il-bażi ta' għarfien relatat.

Il-qasam ta' prijorità **Il-Governanza u l-Informazzjoni dwar l-Ambjent** se jippromwovi t-tkabbir tal-għarfien dwar kwistjonijiet ambjentali, jappoġġja l-komunikazzjoni, l-immaniġġjar u t-tixrid tal-informazzjoni dwar l-ambjent, u jippromwovi governanza ambjentali aħjar billi jżid l-involviment tal-imsieħba.



© LIFE00 ENV/IT/000012




© LIFE09 ENV/AT/000226/Helge Bau

Is-sottoprogramm dwar l-Azzjoni dwar il-Klima għandu tliet oqsma ta' prijorità:

Il-qasam ta' prijorità **Il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima** se jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra, b'mod partikolari billi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' politika u leġiżlazzjoni relatata, itejjeb l-approċċi integrati u jiżviluppa u juri teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi.

Il-qasam ta' prijorità **L-Adattament għat-Tibdil fil-Klima** se jappoġġja l-isforzi biex tiżdied ir-reżiljenza għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' politika u leġiżlazzjoni relatata, itejjeb il-bażi ta' għarfien, jiżviluppa approċċi integrati, u jiżviluppa u juri teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi.

Il-qasam ta' prijorità **Il-Governanza u l-Informazzjoni dwar l-Ambjent** se jippromwovi tkabbir tal-għarfien dwar kwistjonijiet dwar il-klima, jappoġġja l-komunikazzjoni, l-immaniġġjar u t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-klima, jippromwovi konformità iktar effettiva mal-leġiżlazzjoni dwar il-klima u jippromwovi governanza aħjar dwar il-klima billi jżid l-involviment tal-imsieħba.

## Firxa usa' ta' proġetti LIFE

Is-suċċess rikonoxxut b'mod universali ta' LIFE huwa bbażat fuq proġetti tradizzjonali ta' LIFE dwar in-Natura, il-Bijodiversità, l-Ambjent u l-Informazzjoni. Dawn il-proġetti tal-aħjar prattika, proġetti ta' dimostrazzjoni, proġetti pilota u ta' tkabbir ta' għarfien se jkomplu, iżda issa huma akkumpanjati minn sottoprogramm ġdid sħiħ għall-azzjoni dwar il-klima, erba' tipi ta' proġetti (integrati, assistenza teknika, tisħieħ tal-kapaċita', preparatorji) u żewġ strumenti finanzjarji (faċilità ta' ffinanzjar għall-kapital naturali, iffinanzjar privat għall-effiċjenza tal-enerġija).

**Proġetti tal-aħjar prattika** japplikaw teknika, metodi u approċċi xierqa, kosteffettivi u tal-aktar stat avvanzat li jqisu l-kuntest speċifiku tal-proġett.

**Proġetti ta' dimonstrazzjoni** jpoġġu fil-prattika, jeżaminaw, jevalwaw u jidentifikaw azzjonijiet, metodoloġiji jew approċċi li huma ġodda jew mhux magħrufa fil-kuntest speċifiku tal-proġett, bħall-kuntest ġeografiku, ekoloġiku, soċjoekonomiku, li jistgħu jkunu applikati xi mkien ieħor f'ċirkustanzi simili.

**Proġetti pilota** japplikaw teknika jew metodu li ma kienx applikat jew eżaminat qabel, jew xi mkien ieħor, li joffri vantaġġi ambjentali jew klimatiċi potenzjali meta mqabbel mal-aħjar prattika preżenti u li jista' jkun sussegwentement applikat fuq skala ikbar għal sitwazzjonijiet simili.

**Proġetti ta' informazzjoni, għarfien u tqassim** jappoġġjaw il-komunikazzjoni, it-taqsim tal-informazzjoni u t-tkabbir tal-għarfien dwar l-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima.

Ir-rata massima ta' kofinanzjament (**RMK**) għal dawn l-erba' tipi ta' proġetti hija ta' 60% għall-perjodu 2014-2017 u 55% għal 2018-2020. Il-Proġetti LIFE dwar In-Natura u l-Bijodiversità, iżda għandhom RMK ta' 60% għall-perjodu sħiħ 2014-2020, u sa 75% jekk jindirizzaw speċi jew ħabitats ta' prijorità.

**Proġetti integrati** jimplimentaw fuq skala territorjali kbira (reġjonali, multireġjonali, nazzjonali, transnazzjonali), pjani jew strateġiji ambjentali jew klimatiċi meħtieġa minn leġiżlazzjoni ambjentali jew dwar il-klima speċifika tal-Unjoni, primarjament fl-oqsma tan-natura, l-ilma, l-arja u l-mitigazzjoni u l-addattament għall-bidla fil-klima. Huma jassiguraw l-involviment tal-imsieħba u jippromwovu l-koordinazzjoni ma' u l-mobilizzazzjoni ta' mill-inqas sors wieħed ta' ffinanzjar tal-Unjoni, nazzjonali jew privat. RMK = 60%.

**Proġetti ta' assistenza teknika** jipprovdu għotjiet ta' azzjoni biex jgħinu lill-applikanti jippreparaw proġetti integrati. RMK = 60%.

**Proġetti ta' tisħieħ fil-kapaċità** jipprovdu għotjiet ta' azzjoni biex jgħinu lill-Istati Membri jipparteċipaw b'mod iktar effettiv fil-Programm LIFE. RMK = 100%.

**Proġetti preparatorji** jappoġġjaw ħtiġijiet speċifiċi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-klima. RMK = 60%.

**Għotjiet għall-operat** jappoġġjaw spejjeż operattivi u amministrattivi ta' organizzazzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li huma attivi fil-qasam tal-ambjent jew tal-azzjoni dwar il-klima fuq livell tal-UE. RMK = 70%.

**Faċilità għall-Iffinanzjar tal-Kapital Naturali (NCFF)** hija strument ta' ffinanzjar ġdid li se jipprovdi opportunitajiet ta' ffinanzjar fil-forma ta' self jew investimenti ta' ekwità għal proġetti pilota għall-ġenerazzjoni tad-dħul jew iffrankar ta' spejjeż li jippromwovu l-preservazzjoni tal-kapital naturali, inkluż proġetti ta' adattament għat-tibdil fil-klima.

**Strument ta' Ffinanzjar Privat għall-Effiċjenza ta' Enerġija (PF4EE)** huwa strument finanzjarju ġdid li se jipprovdi self għal investimenti fi proġetti ta' effiċjenza ta' enerġija prijoritizzati minn Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza tal-Enerġija.



© LIFE09 NAT/LT/000223/Zymantas